Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,022, 15 ta' Marzu, 2023

Taqsima B

A.L. 61 tal-2023

ATT DWAR L-ISPORTS
(KAP. 455)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6(1) (e), (s) u (t) u l-artikolu 53 tal-Att dwar l-Isports, il-Ministru responsabbli għall-isport, wara konsultazzjoni ma' SportMalta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kummerċjalizzazzjoni tal-Faċilitajiet Sportivi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 455.12.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-verzjoni bl-Ingliż biss, fin-nota marġinali tagħha, il-kelma "Definitions" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Interpretation".

(b) minnufih wara t-tifsira "Bord tal-Appelli" għandha tiġi miżjuda t-tifsira l-ġdida li ġejja:

" "Ditta ta' awditjar" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik assenjata lilha fl-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*;". Kap. 281.

(ċ) fit-tifsira "faċilità sportiva" tiegħu, il-kliem "liema proprjetà mmobbli tkun ġiet trasferita b'titolu ta' ċens temporanju għall-perjodu ta' disgħa u erbgħin sena lill-organizzazzjoni sportiva;" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "b'kwalsiasi titolu lill-organizzazzjoni sportiva;".

(d) it-tifsira "Kumitat Tekniku" għandha tiġi mħassra.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "minn tal-inqas tliet (3) membri sa massimu ta' ħames (5)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn tal-inqas ħames (5) membri sa massimu ta' disa' (9)".

B 622

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu:

(i) fil-paragrafu (e) tiegħu, minnufih wara l-kliem "li għaliha l-organizzazzjoni sportiva hija rreġistrata ma' SportMalta" għandu jiġi miżjud il-kliem ". Iż-żona sportiva u ż-żona anċillari tal-isports għandhom dejjem ikunu mill-inqas sittin fil-mija (60 %) tal-*floorspace* totali";

(ii) fil-paragrafu (g) tiegħu, il-kliem "u l-obbligi kollha tagħha skont dawn ir-regolamenti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u l-obbligi kollha tagħha skont dawn ir-regolamenti;" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda l-paragrafi ġodda li ġejjin:

"(h) prova tat-titolu fuq l-art proposta għall-kummerċjalizzazzjoni;

(i) formola ta' applikazzjoni kompluta skont l-Iskeda 1.".

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament il-ġdid li ġej:

"(3) Malli tirċievi applikazzjoni mingħand organizzazzjoni sportiva, il-Kummissjoni għandha tikkonferma li l-applikazzjoni hija kompluta, u wara tali konferma għandha toħroġ ittra ta' intenzjoni lill-organizzazzjoni sportiva sabiex tkun tista' tibda bi kwalunkwe preparazzjoni li jidhrilha meħtieġa. Il-Kummissjoni għandha wkoll tagħti struzzjonijiet lill-organizzazzjoni sportiva sabiex tibgħat din l-ittra ta' intenzjoni u kopja tal-applikazzjoni kompluta, inklużi d-dokumenti kollha mehmuża lill-Awtorità tal-Artijiet għall-konferma tal-prova tat-titolu fuq l-art proposta u l-valutazzjoni tal-art skont ir-regolament 6.".

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament il-ġdid li ġej:

"(4) L-organizzazzjoni sportiva, malli tħallas il-miżati relattivi u wara li tirċievi d-dokumentazzjoni uffiċjali tal-valutazzjoni mħejjija mill-Awtorità tal-Artijiet, għandha:

(a) tħejji pjan ta' direzzjoni tan-negozju li

jispjega fid-dettall l-ispiża stmata sabiex tinbeda l-attività kummerċjali fi ħdan il-faċilità sportiva, kif tali spiża stmata għandha tiġi ffinanzjata, il-pjanijiet għall-ħlas lura tal-ispejjeż, id-dħul stmat li għandu jiġi ġġenerat mill-attività kummerċjali u spjegazzjoni dettaljata dwar kif l-organizzazzjoni sportiva għandha tibbenefika, minn perspettiva sportiva, mill-attività kummerċjali li tinkludi b'mod ċar l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li ġejjin:

(i) il-fatturat annwali mmirat;

(ii) il-ħolqien ta' impjiegi annwali mmirat b'mod ġenerali;

(iii) kwantifikazzjoni monetarja ekwivalenti tal-benefiċċji annwali għall-organizzazzjoni sportiva;

(b) tipproduċi kopja awtentikata ta' kwalunkwe kuntratt ta' żvilupp u ġestjoni konkluż ma' operatur terz skont ir-regolament 7;

(ċ) tikkompila d-dokumenti kollha li jippruvaw li l-persuni fiżiċi kollha li jiffurmaw parti mill-kumitat tal-organizzazzjoni sportiva u l-persuni fiżiċi kollha li huma l-membri, id-diretturi, l-azzjonisti u, jew is-sidien benefiċjarji aħħarija ta' kwalunkwe operatur terz, li jistgħu jkunu kemm persuna fiżika kif ukoll persuna ġuridika, li jkunu daħlu f'kuntratt ta' żvilupp u ġestjoni mal-organizzazzjoni sportiva skont ir-regolament 7 jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-regolament 7(3);

(d) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-regolament 6(6).".

(d) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4a) L-organizzazzjoni sportiva għandha tikkummissjona wkoll ditta ta' awditjar sabiex tivverifika li r-rekwiżiti ta' hawn fuq ikunu ġew debitament kompletati u sabiex tipprovdi dikjarazzjoni skont l-Iskeda 2.".

(e) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Id-ditta ta' awditjar għandha tipprovdi wkoll rapport tal-awditjar li għandu:

(a) jivvaluta u jikkonferma dwar jekk il-proġett huwiex maħsub sabiex iwassal għat-tkabbir infrastrutturali, finanzjarju u sportiv tal-organizzazzjoni sportiva;

(b) jikkonferma jekk il-perjodi ta' żmien proposti humiex realistiċi;

(ċ) jevalwa jekk l-organizzazzjoni sportiva, jew operatur terz propost, humiex finanzjarjament kapaċi li jibdew l-attività kummerċjali u jekk humiex finanzjarjament vijabbli sabiex jimmaniġġjaw u jsostnu operazzjoni kummerċjali fit-tul;

(d) jivverifika l-proċess ta' aġġudikazzjoni tat-talba għal proposti li għandu jwassal għall-konferma jekk dan twettaqx f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-talba għal proposti;

(e) jikkonferma li r-rekwiżiti tar-regolament 7(3) huma ssodisfati;

(f) jikkonferma li kwalunkwe kuntratt ta' parti terza huwa konformi mar-regolament 7(4):

Iżda r-rapport tal-awditjar għandu jinkludi d-dokumentazzjoni kollha li għandha titħejja u tiġi pprovduta mill-organizzazzjoni sportiva msemmija fl-applikazzjoni skont il-lista ta' kontroll li tinsab fl-Iskeda 3:

Iżda wkoll wara s-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni u r-rapport meħtieġa fis-subregolament 4(a) u f' dan is-subregolament, il-Kummissjoni għandha tipproċedi bl-approvazzjoni tal-proċess ta' applikazzjoni u tista' timponi kwalunkwe kundizzjoni li tħoss xierqa fuq l-organizzazzjoni sportiva u kwalunkwe operatur terz li jipparteċipa fil-proġett tal-organizzazzjoni sportiva.".

(f) is-subregolamenti (6) u (7) tiegħu għandhom jiġu mħassra.

(g) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-

subregolament ġdid li ġej:

"(8) L-organizzazzjoni sportiva għandu jkollha d-dritt li tappella mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni jew li timponi kwalunkwe kundizzjoni lill-Bord tal-Appelli fi żmien sebat (7) ijiem min-notifika tad-deċiżjoni motivata għar-rifjut tal-applikazzjoni jew għall-impożizzjoni ta' kundizzjoni.".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

5. Is-subregolament (2) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem "mid-data tal-att oriġinali" għandhom jiġu mħassra.

(b) il-paragrafu (h) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu l-ġdid li ġej:

"(h) l-indikaturi ewlenin annwali tal-prestazzjoni identifikati fil-pjan tan-negozju f'termini ta' fatturat, ħolqien ta' impjiegi, u benefiċċji monetarji ekwivalenti għall-organizzazzjoni sportiva;".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara s-subregolament (6) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiġi miżjud is-subregolament il-ġdid li ġej:

"(7) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti li jipprovdu għal rekwiżiti oħra, l-ebda attività kummerċjali ma għandha titwettaq mill-organizzazzjoni sportiva jew mill-partijiet terzi maħtura tagħha sakemm l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ iċ-ċertifikat ta' konformità tagħha.".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

7. Ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "mill-organizzazzjoni sportiva, skont il-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni, minn żmien għal żmien:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-organizzazzjoni sportiva." u l-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.

(b) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(2a) Operatur terz li jidħol f'kuntratt mal-organizzazzjoni sportiva skont dawn ir-regolamenti għandu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-att pubbliku u

l-mekkaniżmu ta' terminazzjoni inkluż fih u, jew f'dawn ir-regolamenti, u ma jista' jwettaq l-ebda attività qabel il-pubblikazzjoni tal-att wara l-approvazzjoni preċedenti tiegħu b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.".

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Operatur terz ma għandux jiġi rikonoxxut mill-Kummissjoni sakemm il-kuntratt bejn l-organizzazzjoni sportiva u l-operatur terz skont is-subregolament (1) jkun approvat permezz tar-rapport tal-awditjar imsemmi fir-regolament 4(5), wara l-pubblikazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-talba għall-proposti, u jkun ivverifika li l-proċess tal-aġġudikazzjoni tat-talba għall-proposti jkun twettaq b'mod korrett.".

(d) fis-subregolament (5) tiegħu, il-kliem "għandha tkun responsabbli li tiġbor id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tagħti prova lill-Kummissjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "permezz tar-rapport tal-awditjar msemmi fir-regolament 4(5) għandu jagħti prova".

(e) fil-paragrafu (j) tas-subregolament (6) tiegħu, minnufih wara l-kliem "operatur terz ma jibqax jeżisti" għandu jiġi miżjud il-kliem ", li fi kwalunkwe każ ma jistax ikun inqas strett mill-kondizzjonijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti u fl-att ippubblikat".

(f) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Fil-każ fejn kuntratt jiġi tterminat, l-organizzazzjoni sportiva tista' tidħol f'kuntratt ġdid ma' operatur terz ieħor biss wara li tipprovdi rapport ta' awditjar aġġornat skont ir-regolament 4(5) u wara li tkun kisbet l-approvazzjoni mill-Kummissjoni. Tali kuntratt għandu jkun fih ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fis-subregolament (6) u għandu jiġi ppreżentat lill-Kummissjoni.".

(g) is-subregolament (8) għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Fl-eventwalità li l-kuntratt bejn l-organizzazzjoni sportiva u l-operatur terz jintemm, għal kwalunkwe raġuni, iż-żona kummerċjali għandha terġa' lura għand l-

organizzazzjoni sportiva. L-organizzazzjoni sportiva għandu jkollha d-dritt li tieqaf topera ż-żona kummerċjali jekk tilħaq ftehim mal-Kummissjoni u f'dan il-każ il-Gvern ikollu dritt riżervat li jagħmel użu miż-żona kummerċjali msemmija.".

8. Ir-regolament 9 għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "fis-sena kurrenti" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", inkluż sommarju li jiddeskrivi l-fatturat annwali, iċ-ċifri tal-impjiegi u l-benefiċċji monetarji ekwivalenti għall-organizzazzjoni sportiva".

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(3a) F'intervalli ta' ħames (5) snin li jibdew sena (1) wara l-bidu ta' attivitajiet kummerċjali, il-fatturat għal perjodu ta' ħames (5) snin għandu jiġi kkalkulat u jekk din is-somma taqbeż dik indikata fil-pjan tan-negozju, il-marġni ta' profitt fuq l-imsemmi dħul żejjed għandu jinqasam kif ġej:

(i) tletin fil-mija (30%) bejn l-iżviluppatur ta' parti terza u, jew operatur;

(ii) erbgħin fil-mija (40%) lill-organizzazzjoni sportiva; u

(iii) tletin fil-mija (30%) lil SportMalta.

Tali żviluppatur ta' parti terza u, jew operatur għandu jżomm kontijiet separati għall-attivitajiet tagħhom.".

(ċ) fis-subregolament (4) tiegħu, il-kliem "ta' għaxart elef euro (€10,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li tammonta għal għaxra fil-mija (10%) taċ-ċens għaż-żona kummerċjali kif stabbilita fl-att, wara avviż bil-miktub maħruġ mill-Kummissjoni wara li tkun għaddiet id-data tal-iskadenza".

(d) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4a) SportMalta għandha wkoll tissospendi l-permess għat-twettiq ta' attività kummerċjali mogħtija lill-organizzazzjoni sportiva fil-faċilità sportiva tagħha mogħtija mill-Kummissjoni skont ir-regolament 4 jekk ir-Rapport Anwali mitlub fis-subregolament (1) ma

jikkonfermax li l-impriża kummerċjali tkun issodisfat:

(a) mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) ta' kull waħda mill-miri tagħha skont ir-regolament 4(4)(a) fl-ewwel sena tal-operazzjonijiet kummerċjali tagħha;

(b) mill-inqas ħamsin fil-mija (50%) ta' kull waħda mill-miri tagħha skont ir-regolament 4(4)(a) sat-tielet (3) sena ta' operazzjonijiet kummerċjali tagħha;

(ċ) mill-inqas ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) ta' kull waħda mill-miri tagħha skont ir-regolament 4(4)(a) mill-ħames (5) sena tal-operazzjonijiet kummerċjali 'l quddiem.".

(e) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (d) tiegħu, minnufih wara l-kliem "kien ingħata skont ir-regolament 4", għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew kwalunkwe modifika tiegħu.".

(ii) fil-paragrafu minnufih wara l-paragrafu (e) tiegħu il-kelma "tista'" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "għandha".

(f) fis-subregolament (7) tiegħu, minnufih qabel il-kliem "(5)", għandu jiġi miżjud il-kliem "(4a) u, jew" u minnufih wara l-kliem "l-organizzazzjoni sportiva taħt ir-regolament 4", għandu jiġi miżjud il-kliem "u l-Gvern jirriżerva d-dritt li jwettaq tali attività kummerċjali ma' parti terza oħra wara l-ħruġ ta' talba għal proposti skont ir-regolament 7.".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

9. Fir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-linji gwida maħruġa skont is-subregolament (2) għandhom jiġu ppubblikati bħala Skeda annessa ma' dawn ir-regolamenti u jistgħu jiġu ppubblikati bil-lingwa Ingliża biss.".

Iżid Skedi ġodda mar-regolamenti prinċipali.

10. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda l-Iskedi l-ġodda li ġejjin:

"Kummissjoni tal-Faċilitajiet Sportivi Kummerċjali

Skeda 1 - Formola ta' applikazzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' faċilità sportiva

(regolament 4(2)(i))

Din l-applikazzjoni hija maħsuba għal kwalunkwe organizzazzjoni sportiva li jkollha l-intenzjoni li twettaq attività kummerċjali kif imfissra f'dawn ir-regolamenti.

1. Isem l-applikant:	
2. Numru ta' reġistrazzjoni bħala persuna sportiva	
3. Indirizz uffiċjali tal-applikant	

4. Ehmeż ma' din l-applikazzjoni d-dokumenti li ġejjin (kwalunkwe dokument nieqes jirrendi l-applikazzjoni mhux kompluta):

	Partita		Pġ.
1.	Lista tal-membri kollha tal-kumitat tal-organizzazzjoni sportiva b'indikazzjonijiet ċari dwar ir-responsabbiltà ta' kull membru.	☐	
2.	Dikjarazzjoni ffirmata dwar min huma r-rappreżentanti legali tal-organizzazzjoni sportiva.	☐	
3.	Spjegazzjoni dettaljata bil-miktub tat-tip ta' attività kummerċjali li qed tiġi proposta.	☐	
4.	Konferma dwar jekk operatur ta' parti terza hux se jkun involut jew le	☐	

B 630

5.	Pjan magħmul minn perit li jidentifika ż-żona tal-faċilità sportiva li għandha tintuża bħala żona sportiva u ż-żona kummerċjali. Il-pjan għandu jkun fih id-disinji u l-pjanijiet kollha meħtieġa dwar kif għandha tiġi strutturata l-faċilità sportiva, inklużi żoni kemm kummerċjali kif ukoll sportivi.	☐	
6.	Dikjarazzjoni li tiddikjara b'mod ċar in-numru ta' metri kwadri li għandhom jintużaw għaż-żona sportiva (iż-żona sportiva proposta qatt ma għandha tkun iżgħar fid-daqs miż-żona li bħalissa qed tintuża esklussivament għall-prattika tad-dixxiplina sportiva li għaliha l-organizzazzjoni sportiva hija rreġistrata ma' SportMalta). Iż-żona tal-isport u ż-żona tal-isport anċillari ma għandhomx ikunu inqas minn 60% tal-*floorspace* totali.	☐	
7.	Dikjarazzjoni ffirmata dwar iż-żmien stmat għat-tlestija ta' kwalunkwe xogħlijiet infrastrutturali li għandhom jitwettqu fil-faċilità sportiva qabel il-bidu tal-attività kummerċjali.	☐	

8.	Dikjarazzjoni ġuramentata magħmula mir-rappreżentanti legali tal-organizzazzjoni sportiva li tikkonferma li l-applikazzjoni qed issir mill-organizzazzjoni sportiva skont dawn ir-regolamenti u li l-organizzazzjoni sportiva hija konxja u tifhem id-drittijiet u l-obbligi kollha tagħha skont dawn ir-regolamenti u li kwalunkwe att pubbliku eventwali għandu jeħtieġ approvazzjoni minn qabel permezz ta' riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti.	☐	
9.	Prova tat-titolu għall-art proposta għall-kummerċjalizzazzjoni.	☐	
Firma tal-applikant			
Data			

Għal użu intern

1. Data ta' meta waslet l-applikazzjoni	
2. Data tar-reviżjoni tal-applikazzjoni	
3. Applikazzjoni kompluta (iva u, jew le u raġuni)	
4. Id-data li fiha l-applikant irċieva n-notifika tal-approvazzjoni u, jew tal-applikazzjoni mhux kompluta.	

B 632

Skeda 2 — Dikjarazzjoni mid-ditta ta' awditjar skont ir-regolament 4(4a)

Jien _____ is-sottoskritt _____(ID)_____ ____ kif debitament awtorizzat nagħmel din id-dikjarazzjoni f'isem id-ditta ta' awditjar _____ b'dan nikkonferma li l-organizzazzjoni sportiva _____ issodisfat ir-rekwiżiti kif imsemmija fir-regolament 4(4a) u li l-informazzjoni pprovduta fiha hija kompluta, awtentika, korretta u konformi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti.

Data
Firma
Timbru

Skeda 3
Lista ta' kontroll li għandha tiġi inkluża fir-rapport tal-awditjar skont il-proviso tar-regolament 4(5)

	Id-dokumenti	**Ir-regolament**	**Il-paġna ta' referenza fir-rapport**
1.	Pjan ta' direzzjoni tan-negozju skont ir-regolament 4(4)(a)	4(4)(a)	
2.	Indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni - Il-fatturat annwali mmirat - Il-ħolqien globali mmirat ta' impjiegi fis-sena - Kwantifikazzjoni monetarja ekwivalenti tal-benefiċċji annwali għall-organizzazzjoni sportiva	4(4)(a)	
3.	Dokumenti li jippruvaw li l-persuni fiżiċi kollha li jiffurmaw parti mill-kumitat tal-organizzazzjoni sportiva jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-regolament 7(3).	4(4)(ċ)	
4.	Permessi għall-iżvilupp kompleti skont il-liġi.	6(6)	

5.	Konferma li l-proġett huwa maħsub sabiex iwassal għat-tkabbir infrastrutturali, finanzjarju u sportiv tal-organizzazzjoni sportiva.	4(5)(a)	
6.	Konferma li l-perjodi ta' żmien proposti huma realistiċi	4(5)(b)	
7.	Evalwazzjoni dwar jekk l-organizzazzjoni sportiva u, jew l-operatur terz humiex finanzjarjament kapaċi jibdew l-attività kummerċjali u jekk humiex finanzjarjament vijabbli sabiex jimmaniġġjaw u jsostnu operazzjoni kummerċjali fit-tul.	4(5)(ċ)	
GĦANDHA TIMTELA BISS JEKK IKUN HEMM PARTI TERZA			
8.	Kopja awtentikata tal-kuntratti kollha konklużi ma' partijiet terzi.	4(4)(b)	
9.	Konferma li l-operatur terz huwa persuna ġuridika kif deskritt fir-regolament 7(3).	7(3)	
10.	Konferma li l-ftehim ma' parti terza fih ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fir-regolament 7(6).	7(6)	
11.	Dokumenti li jippruvaw li l-persuni fiżiċi kollha li huma l-membri, id-diretturi, l-azzjonisti u, jew is-sid benefiċjarju aħħari ta' kwalunkwe operatur terz, li jista' jkun kemm persuna fiżika jew persuna ġuridika, li jkun daħal fi ftehim ta' żvilupp u ġestjoni mal-organizzazzjoni sportiva skont ir-regolament 7 jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fir-regolament 7(3).	4(4)(ċ)	
12.	Konferma li l-proċess ta' aġġudikazzjoni tat-talba għal proposti twettaq b'mod korrett f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-talba għal proposta.	4(5)(d)	
13.	Konferma li s-sidien, il-membri, id-diretturi u, jew is-sidien benefiċjarji aħħarija tal-operatur terz mhumiex persuni mhux mixtieqa wara li tkun saret valutazzjoni tad-diliġenza dovuta b'mod korrett.	7(5)	